MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 759/2010

Christopher Cortis
vs
George Dalli u martu Georgia Dalli

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi huwa sellef lill-intimati s-somma sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) b'titolu ta' self 'brevi manu' bil-kondizzjoni li dawn jithalsu lura minghajr imghax sat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) skond l-iskrittura annessa mar-rikors datata 1 ta' Lulju, 2009 markata Dok A.;

2. Illi l-intimati ma onorawx il-ftehim hawn fuq suriferit u ghalhekk il-partijiet kienu ghamlu skrittura ohra fil-5 ta' Ottubru, 2009 li permezz taghha l-intimati hallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hamest elef ewro (€5000) kienu

qablu li l-bilanc dovut kien ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000) bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena ikkalkolat a skaletta liema somma kellha tithallas flimkien mal-imghax sat-30 ta' Dicembru, 2009 (Dok B – kopja tal-ftehim tal-5 ta' Ottubru 2009).

3. Illi l-intimati regghu ma onorawx il-ftehim hawn fuq suriferit u ghalhekk il-partijiet permezz ta' skrittura tat-22 ta' Frar, 2010 regghu ftehmu u ghamlu skrittura li permezz taghha l-intimati qablu li ghandhom jaghtu lir-rikorrenti s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) sat-30 ta' April, 2010.

4. Illi dawn l-iskrittura saru kollha ghand in-Nutar Dottor Charles Mangion.

5. Illi l-intimati baqghu ma hallsu xejn mis-somma ta' €27,000 kif obligaw ruhhom li jaghmlu fl-iskrittura tat-22 ta' Frar, 2010 minkejja li gew interpellati diversi drabi.

6. Illi l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

Tikkundanna lill-intimati konvenuti s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) lir-rikorrenti bl-imghax mid-data tat-30 ta' Settembru 2009 kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati konjugi Dalli li biha esponew:

1. Illi l-ammont ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000), mis-sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000) reklamati mir-rikorrent fil-konfront ta' l-intimati, huma vera dovuti mill-intimati lir-rikorrent, u dwar dan l-ammont biss ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000) m'hemm l-ebda kontestazzjoni;

2. Illi ghalkemm huwa minnu li l-intimati kienu sselfu somma ta’ flus minghand l-intimat, din is-somma mislufa kienet dik ta’ sbatax-il elf Ewro (€17,000) u mhux ta’ sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000) kif qieghed jallega r-rikorrent. Illi ghalkemm l-iskrittura annessa bhala Dok A mar-rikors promutur tindika l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000) bhala s-somma mislufa, fil-verita`, kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza, l-ammont ta’ flus li ghadda f’idejn l-intimati kien dak ta’ tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000);

3. Illi l-iskrittura tat-22 ta’ Frar, 2010, annessa mar-rikors promutur bhala Dok. C, taghmel referenza ghall-kostituzzjoni ta’ debitu (anness mar-rikors promutur bhala Dok. A) li jindika li l-intimati ssellfu s-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000). Illi l-intimati, kif jirrizulta minn Dok. B anness mar-rikors promutur, diga’ hallsu s-somma ta’ hamest elef Ewro (€5,000). Ghalhekk, ghall-kuntrarju ta’ dak li qieghed jigi allegat mir-rikorrent, l-iskrittura privata tat-22 ta’ Frar, 2010, ghandha tinftiehem li l-intimati ghad baqalhom biss obbligu li jhallsu lir-rikorrent sbatax-il elf Ewro (€17,000) u mhux sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000) kif qieghed jigi pretiz mir-rikorrent. Illi kif ser jirrizulta mill-provi, dakinhar li giet iffirmata l-iskrittura tat-22 ta’ Frar, 2010, l-intimati ghaddew is-somma fi flus kontanti ta’ hamest elef Ewro (€5,000) lir-rikorrent quddiem diversi nies;

4. Illi *stante* li mhux minnu li l-intimati ghandhom jaghtu lir-rikorrent is-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000), u dan peress illi huma kienu ssellfu biss l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) li minnhom diga’ hallsu l-ammont ta’ hamest elef Ewro (€5,000), it-talbiet attrici ghandhom *in parte* jigu michuda, u l-intimati ghandhom jigu kkundannati biss ihallsu s-somma ta’ sbatax-il elf Ewro (€17,000) bl-imghaxijiet skond kif jigi ordnat minn din il-Qorti.

5. Illi l-intimati diga’ kienu ghamlu offerta, minghajr ebda pregudizzju, ta’ somma akbar minn dik ta’ sbatax-il elf Ewro (€17,000) lir-rikorrent, izda din il-proposta ma gietx accettata mir-rikorrent minghajr ebda raguni valida.

Illi ghalhekk l-intimati m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din il-kawza inutilment;

6. Illi l-intimati jafu b'dawn il-fatti personalment;

7. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li gie ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mill-intimati.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Christopher Cortis, fejn semma:
Il-konvenuta Georgia Dalli hi kugina tat-tfajla tieghu;
George Dalli kien staqsieh biex jisilfu €27,000 u hu accetta bil-kundizzjonijiet li huwa jaghtihomlu lura mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru, 2009 u jkunu bla imghax jekk ihallsu sa dakinhar, u saret skrittura fl-1 ta' Lulju, 2009 ghand in-Nutar Charles Mangion;
Sat-30 ta' Settembru, 2009 ma kienx hallsu u ghalhekk raddlu lura €5,000 u fitehmu li jaghtih aktar zmien bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanc ta' €22,000 kif spjegat fl-iskrittura tal-5 ta' Ottubru, 2009 li ghamlu wkoll quddiem in-Nutar Charles Mangion;
Kellhom ihallsuh sat-30 ta' Dicembru 2009;
Kienu inadempjenti;
Sar ftehim gdid li jhallsuh sat-30 ta' April, 2010 u ma jehdilhomx imghax izda jiehu €5,000 u ghalhekk is-somma tibqa kif kienet u cioe` €27,000;
Ghalhekk saret it-tielet skrittura ghand in-Nutar Charles Mangion tat-22 ta' Frar 2010;
Meta ghadda t-30 ta' April 2010 jien ktibtilhom diversi drabi bl-avukat tieghi izda huma baqghu jinsistu li ma ghandhomx ihalsu skond il-ftehim tat-22 ta' Frar 2010 u ghalhekk kelli naghmel il-kawza.

In kontro-ezami qal:
"Huwa veru li kien hallasni hamest elef (5,000), mistoqsi jekk fil-fatt, ghalhekk, mill-bilanc ta' sebgha u ghoxrin elf (27,000) kien allura gie dovut tnejn u ghoxrin elf (22,000), nirrispondi li le, fis-sens illi l-ftehim bejnietna kien li jien nestendilu ghal xi zmien li ma niftakarx kemm kien preciz

u taht dik, fil-fatt, effettivament, kellu jaghtini hamest elef (5,000)…. Mistoqsi mill-Qorti kemm-il darba jien hadt hamest elef (5,000) minghand l-intimat nghid li darba wahda biss… Nichad kategorikament li jiena rcevejt iktar minn darba wahda hamest elef (5,000). Nichad li rcevejt hamest elef (5,000) ohra fl-okkazjoni ta' l-iskrittura tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, *two thousand and ten* (2010)."

Xehed in-Nutar Charles Mangion u qal:
Hu kien ippubblika l-iskrittura Dok A wara li qalulu li riedu jaghmlu self;
Kien qallu li l-mara trid tkun mieghu u saret ipoteka fuq dak partikolari. Il-kundizzjonijiet kienu cari, mill-partijiet jigifieri, lill-konvenut staqsieh jekk ma jkunx jista' jhallas fit-terminu stabbilit u kien accertah li jkun jista' jhallas. Skrittura dokument B, l-iskrittura tal-hamsa (5) ta' Ottubru *zero-nine* ('09), kien xi pagament li kien sar minn dan l-istess debitu; Ghall-kuntratt deher car li d-debitur hallas hamest elef (5,000) u kien baqa' tnejn u ghoxrin elf (22,000);
Ma setax jifhem kif is-somma regghet telghet €27,000;
Kienu gew lesti b'kollox.

Gie prezentat affidavit ta' George Dalli fejn semma:
Sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu meta dehru quddiem in-Nutar Carmel Mangion hu, il-mara tieghu flimkien ma' Christopher Cortis;
Hu u l-mara tieghu ssellfu minghand Christopher Cortis is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) u ntrabtu li sat-tletin (30) ta' Settembru 2009 jaghtu lura lil Cortis l-ammont ta' €27,000, jigifieri €5,000 aktar milli ssellfu;
Saret ipoteka specjali fuq il-*garage* taghhom biex jikkawtela s-€27,000;
Peress li ma kellhomx flus biex ihallsu lura ftiehmu mal-kontro-parti li jgeddu z-zmien miftiehem;
Dan il-ftehim sar quddiem in-Nutar Dottor Carmel Mangion;
Prezenti kienu hu, il-mara tieghu u Christopher Cortis;
Ghaddew lil Cortis €5,000;

Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2010 iltaqghu fl-ufficcju tan-Nutar Dottor Carmel Mangion hu, James Griffiths, ir-ragel ta' Connie Griffiths Bianchi u Christopher Cortis;
Ghadda l-flus kontanti lil Cortis u dan ghaddhom quddiem u quddiem James Griffiths;
Insista li l-bilanc fil-fatt kellu jkun ta' €17,000 u mhux €27,000;
Insista li kien ghadda lil Cortis €5,000 f'zewg okkazjonijiet jigifieri b'kollox ghaddielu €10,000;

Gie prezentat affidavit ta' <u>Georgia Dalli</u> fejn semmiet:
Ikkonfermat li hi u zewgha dahlu f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu meta ssellfu minghand Christopher Cortis is-somma ta' €22,000;
Intrabtu li sat-30 ta' Settembru, 2009 jirrestitwixxu l-ammont ta' €27,000 ghax hi u r-ragel ma kellhom l-ebda oggezzjoni li jhallsu €5,000 aktar;
Ghalhekk il-kuntratt kien jindika €27,000;
Saret ipoteka fuq il-garaxx;
Cortis kien accetta li jgeddu u jhallsu €5,000;
Ziedet tghid:
"Jien nista' nikkonferma li l-ewwel hamest elef Ewro (€5,000) thallsu minni u mir-ragel tieghi lil Christopher Cortis, u dan peress li jien kont prezenti quddiem in-Nutar meta ffirmajna l-ewwel skrittura privata. James Griffiths Bianchi jista' jikkonferma wkoll li r-ragel tieghi ghadda lil Christopher Cortis t-tieni hamest elef Ewro (€5,000) meta saret it-tieni skrittura privata, u dan peress illi huwa kien hemm prezenti."

Gie prezentat affidavit ta' <u>James Griffiths</u> fejn semma:
F'Dicembru ta' l-2009 il-mara tieghu Connie Griffiths Bianchi kienet infurmatu li xtaqet tghin liz-zijiet taghha George u Georgia Dalli ghax kellhom xi problemi biex ilahhqu mad-dejn li kienu dahlu fih permezz ta' Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' debitu ;
Semma l-iskritturi u li z-ziju tal-mara kien ghadda €5,000 lil Christopher Cortis;
Hu u l-mara ftiehmu li jisilfuhom €5,000 biex b'hekk bil-permess ta' Christopher Cortis dan id-dejn rimanenti jonqos ghal €17,000 hekk kif jergghu jithallsu t-tieni €5,000;

Cortis ma riedx jithallas b'*cheque*;
Ra lill-intimat jghaddi lir-rikorrent €5,000.

Gie affidavit ta' Connie Griffiths Bianchi fejn semmiet:
F'Dicembru ta' l-2009 iz-zijiet taghha qalula li kienu ssellfu minghand Christopher Cortis is-somma ta' €22,000;
Bi ftehim mar-ragel silfuhom €5,000;
Cortis ried li l-hlas isir flus kontanti.

Meta xehdet qalet li l-affidavit kienu ppreparawh fl-ufficcju ta' *Doctor* Andy Ellul.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***
Permezz ta' tliet skritturi privati, wahda tat-30 ta' Settembru, 2009, l-ohra tal-5 ta' Ottubru, 2009 u l-ohra tat-22 ta' Frar, 2010 ir-rikorrent kien silef lill-intimati somma ta' flus. Jirrizulta li hemm nuqqas ta' ftehim dwar l-ammonti u dwar l-imghaxijiet. Wiehed mill-principji bazilari applikabbli ghal din il-kawza hija l-kredibilita`.

***D2. Min jallega jrid jipprova:***
Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kawza deciza minnha stess kif presjeduta fis-16 ta' April, 2013 fl-ismijiet **Martin Mifsud *et* vs Marika Almerigo** fejn intqal:
"Min jallega jrid jipprova – *qui allegat probat*. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti gahndha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.

Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell *Sede* Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu:
"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"*onus probandi*" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*"."

Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu.

Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Jigi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici *et* vs William Rizzo *et*** (deciza 28/04/2004):
"...li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-proncipju l-iehor '*reus in excipiendo fit actor*', ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri** (deciza 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed tezamina hsara b'tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-
"… Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi".

Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni."

Finalment il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha stess tal-31 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet **MiddleSea Insurance p.l.c. vs Rudolph Spiteri** (Cit. Nru. 1168/03FS) li fiha gabra ta' decizjonijiet fuq dan l-aspett.

Hawnhekk il-Qorti ghandha verzjonijiet mhux cari u differenti u bazati anke fuq ragunar u mhux fuq fatti.

***<u>D3. Pacta Sunt Servanda:</u>***

Illi r-rikorrent ibbaza l-kawza tieghu fuq l-aspett legali ta' *pacta sunt servanda*. Infatti fin-nota ta' osservazzjonijiet jghid hekk:
"Illi l-Artikolu *992(1)* jipprovdi li :

Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ggandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.

(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."

Illi l-esponenti jirreferi għas-segwenti sentenzi li jikkonfermaw d-duttrina li l-kuntratti huma ligijiet ghall-partijiet li jaghmluhom, u dan skond l-istess Artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Liijiet ta' Malta...

**Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et**[1] ...
**Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti** ...
**Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino**[2] ...
**Raymond Vella u Joseph Vella vs. Neil Duffy u Kim Duffy**[3] ...
**Frank Salt Real Estate Ltd vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu propju u in rapprezentanza tas-socjeta` Sullivans Ltd**. ..."

Ghalhekk ir-rikorrent qieghed jibbaza l-kawza fuq il-vinkolu kontrattwali u l-volonta` tal-partijiet li tigi ligi bejniethom u torbothom dwar dak li hemm miktub. F'dan kollu ghandu ragun sakemm il-Qorti tibqa' konvinta li dak li nkiteb huwa verament dak li gara; izda jekk il-Qorti hi konvinta li dan mhux minnu u specjalment meta l-istess kitba turi b'mod car li dak li nkiteb imur kontra d-dettami tal-ligi (bhal meta jigi stipulat imghax b'rata ferm aktar gholja minn dik permessa mil-ligi) l-Qorti m'ghandhiex

[1] Prim Awla tal-Qorti Civili, 30ta' May 2002, Rikors Generali 3535/96.
[2] Qorti tal-Appell (Superjuri) 11taNovembru 1997, Volume 81 (1997) Part No. 2, Section 1, 840
[3] Tribunal tat-Talbiet iz-zghar, deciz Fit- 22ta July 2010 Rik Gur Nru 23/2010 u kif ukoll Creek Company limited (C 14232) vs. l-Avukat Dottor Joseph Grech et, deciza fis-16th June 2010

tapplika l-massima *pacta sunt servanda* ghax tkun qed issir komplici fi ftehim illegali.

Infatti kif jghidu sewwa l-intimati fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom:
"Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Peplow vs Ferdiando Galea**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-7 ta' Marzu 1955, il-Qorti rriteniet li:
*"nessun atto, per quanto liberamente consentito e talora ripetuto, e nessu priodo de tempo, per lungo che sia, possono valere a dare efficacie ad una obligazione proibita per ragione di ordine pubblico"*....

... Il-konvenuti qatt ma qalu li din l-obbigazzjoni ghandha tigi annullata, imma ghandha tigi ridotta ghal dik is-somma li hija legalment dovuta lill-attur. Dan ghaliex, kif huwa pacifikament risaput fil-gurisprudenza nostrana, illi l-uzura ma tannullax l-obbligazjoni (**Julius Sciberras u Carmen Sciberras vs Kishichand Mohnani**, Qorti tal-Appell (Superjuri), deciza fl-24 ta' Frar, 2012)."

***D4. Verzjoni fil-fehma tal-Qorti:***

Fil-fehma tal-Qorti l-ammont originarjament misluf mir-rikorrent lill-intimati kien dak ta' €22,000 u dan johrog car anke mill-fatt li fir-raba' eccezzjoni ta' l-intimati stess jinghad dan. Huwa veru li l-ewwel skrittura ssemmi l-figura ta' €27,000 izda l-Qorti ma temminx din il-verzjoni ghax ma jistax ikun li persuna li tipprova timmassimizza l-profitti taghha kif ghamel ir-rikorrent fir-relazzjonijiet tieghu mal-intimati tislef dik is-somma bla imghax. Ghalhekk il-Qorti thossha konvinta li fil-fatt dak li kien gara kien li fil-fatt sar self ta' €22,000 u minflok ma qaghdu jikkomputaw l-imghax tnizzlet il-figura ta' €27,000 billi €5,000 tqiesu bhala premju tal-bicca xoghol jew ta' imghax taht forma ohra. Ir-rikorrent jinsisti li hu rcieva hlas wiehed ta' €5,000 izda jammetti li biex jestendi s-self kien sar ftehim li l-ammont kellu jaqra €27,000 ghax b'hekk kienu qed iqisu l-imghax. Naturalment l-ammont ta' imghax ma jlahhaqx dawn l-ammonti. Certament li l-intenzjoni tal-partijiet kienet minn dejjem li imghax kien dovut. Il-Qorti thossha konvinta li l-ammont originali kien self ta' €22,000 u li sar

hlas wiehed ta’ €5,000 u mhux tnejn ta’ €5,000 kif allegaw l-intimati.

Ghalhekk l-ammont li r-rikorrent silef lill-intimati kien ta’ €22,000 li minnu thallas €5,000 u ghalhekk l-ammont dovut huwa ta’ €17,000. Izda ma’ dan wiehed irid iqis ukoll l-imghax bit-8% fuq l-ammont ta’ €22,000 mit-30 ta’ Settembru, 2009 sal-pagament tal-€5,000 u cioe` sat-22 ta’ Frar, 2010 oltre ghall-imghax ukoll bit-8% fuq l-ammont ta’ €17,000 mit-22 ta’ Frar, 2010 sal-effettiv pagament.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti tilqa’ t-talba tar-rikorrent limitatament ghas-€17,000 oltre l-imghax kif spjegat fil-paragrafu precedenti.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------